MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 470/2004

**Kashmiri Palace Limited (C 2507)**

**VS**

**Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni tas-socjeta’ attrici tal-25 ta’Gunju 2004 li taqra hekk:

*“Peress illi bl-att pubbliku datat is-sebgha u ghoxrin ta’April tas-sena elf disa mija u disa u disghin (27/04/1999) in atti Nutar Dottor Anthony Grech Trapani (Dok. “A” hawn unit) il-konvenuti Ian u Jacqueline konjugi Busuttil xtraw u akkwistaw minghand Carmen Taliana hamsa u disghin (95) shares fis-socjeta attrici Kashmiri Palace Limited, u b’rizoluzzjoni ta’ l-imsemmija kumpanija tas-sebgha ta’Mejju tas-sena elf disa mija u disa u disghin (07/05/1999) il-konvenuti gew appuntati bhala l-unici Diretturi tal-Kumpanija minflok l-imsemmija Carmen Taliana li ghalhekk irrezenjat mill-Bord tad-Diretturi, u l-konvenuta Jacqueline Busuttil giet ukoll nominata bhala Segretarja ta’ l-istess socjeta’ Kashmiri Palace Limited.*

*U peress illi l-konvenuti hadu ukoll pussess tal-hanut tal-hwejjeg sitwat numru tlett mija u hamsa u tletin (335) Triq Manwel Dimech, SLiema li kien jifforma l-uniku negozju u attivita' kummercjali illi ghandha s-socjeta' attrici Kashmiri Palace Limited u kien hanut ben avvjat u stabbilit;*

*U peress illi b'sentenza tas-sittax ta'Frar tas-sena elfejn u erba (16/02/2004) fil-kawza fl-ismijiet "Ian Busuttil et – vs – Carmen Taliana", c-citazzjoni numru 1601/2000 il-Qorti ta' l-Appell ghaddiet biex "inter alia" iddikjarat illi l-att pubbliku fuq imsemmi (Dok. "A") huwa null u bla effett legali u ordnat ir-rexissjoni tieghu.*

*U peress illi l-konvenuti ghalhekk irritrasferew is-shares lil Carmen Taliana fuq imsemija li huma kienu akkwistaw minghandha, rrizenjaw mill-kariga taghha ta'Diretturi tas-Socjeta' Kashmiri Palace Limited u l-konvenuta rrizenjat ukoll mill-kariga taghha ta' Segretarja ta' l-istess socjeta' attrici, u dana kif jidher mill-kopja tal-Form K risottomessa mibghuta lir-Registratur tal-Kumpaniji (Dok. "B" hawn unit).*

*U peress illi l-konvenuti fil-gestjoni tal-Kumpanija attrici kkomettew agir abusiv, illegali, rrisponsabbli, u ta' negligenza anke grossolana u/jew frawdolenti, u ghalhekk l-istess konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-Kumpanija anki ghall-ammonti kollha sbursjati li ma sarux fl-interess tas-socjeta' attrici u dan oltre li skond l-informazzjoni li waslitilhom il-konvenuti la kienu jzommu laqgha generali annwali, li ghamlu accounts u lanqas ipprezentaw denunzji tal-VAT.*

*U peress illi minkejja li l-konvenuti rrizenjaw ir-rapprezentanti li kellhom fil-Kumpanija attrici u minkejja li rritrasferwew is-shares li kellha fl-istess socjeta' huma baqghaw abusivament u illegalment izommu c-cwievet tal-hanut sitwat fil-fond numru tlett mija u hamsa u tletin (335) Triq Manwel Dimech, Sliema, u naqsu li jaghtu spjegazzjoni tal-gestjoni taghhom tas-socjeta' attrici u dana ghalkhemm interpellati ghal daqshekk.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti kkomettew agir abusiv, irrisponsabbli u illegali u ta' negligenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti fil-konfront tas-socjeta'*

*attrici Kashmiri Palace Limited meta kellhom il-gestjoni ta' l-istess socjeta' attrici u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

2. *Tillikwida d-danni li sofriet il-kumpanija attrici minhabba l-agir abusiv, irrisponsabbli, illegali u ta' negligenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici dik is-somma li hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq inghad.*

4. *Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw illegalment u abusivament il-hanut tal-bejgh tal-hwejjeg sitwat fil-fond numru 335 Triq Manwel Dimech , Sliema.*

5. *Tikkundanna lill-konvenuti jizgombraw, jirrilazzjaw u jhallu liberu affavur tas-socjeta' attrici l-fond in kwistjoni u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefeggilhom dina l-Qorti.*

6. *Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-okkupazzjoni abusiva u illegali tal-konvenuti.*

7. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma rapprezentanti danni ghall-okkupazzjoni abbusiva u illegali mill-konvenuti kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta'l-ittra nterpellatorja tas-26 ta'Marzu 2004, ta'ittra ufficjali tat-22 t'April 2004, tal-Mandat ta'Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dina l-kawza, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni".*

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa minn Carmen Taliana ghan nom u fl-interess tal-istess tas-socjeta' attrici tal-25 ta' Gunju 2004;

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mac-citazzjoni

Rat illi ic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti permezz ta'-procedura tal-affissjoni, fil-5 t'April 2005, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 t'April 2005 ;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta' Ian u Jacqueline konjugi Busuttil tal-15 t'April 2005 li taqra hekk (a fol. 22 et seq) :

1. *"Illi in linea preliminari l-gudizzju m'hux integru u dana stante illi Carmen Taliana proprio kellha tifforma parti minn din il-kawza. Fi kwalunkwe kaz l-eccpijenti qeghdin jitolbu l-kjamat fil-kawza ta' Carmen Taliana stante illi hija l-istess Carmen Taliana proprio hatja ta' dan kollu.*

2. *Illi l-eccipjenti jecepixxu illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi ma kien hemm l-ebda 'agir abusiv, illegali, rrisponsabbli, u ta' negligenza anke grossolana u/ jew frawdolenti' da parti taghhom fil-gestjoni tal-kumpanija attrici u dana hekk kif se jkollhom l-opporturnta' li jipprovaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

3. *Illi l-eccipjenti jecepixxu illi huma m'ghamlu ebda okkupazzjoni illegali tal-fond 335, Triq Manwel Dimech, Sliema u dana ghaliex huma kienu qeghdin jistennew illi Carmen Taliana tonora s-sentenza indikata fit-tielet premessa tac-citazzjoni attrici.*

4. *Illi l-eccipjenti jecepixxu illi 1-azzjoni mressqa mill-kumpanija attrici m'hija xejn ghajr pretest sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru fuq il-fondi iddepositati taht l-awtorita' tal-Qorti minn Carmen Taliana proprio WARA C-CEDOLA TA' DEPOSITU BIN-NUMRU 767/2004 TAS-16 T'AWISSU 2004 U FL-ISMIJIET; CARMEN TALIANA KONTRA IAN U JACQUELINE KONJUGI BUSGITIL KONTRA KASHMIRI PALACE LIMITED u dana halli l-eccipjenti ma jkunux jistghu jiehdu dawn il-flus li huma dovuti lilhom skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell hawn fuq indikata.*

5. *Illi l-eccipjenti jecepixxu illi huma m'huma risponsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tas-socjeta' attrici.*

6. *Illi se mai u fi-aghar ipotesi, l-kumpanija attrici ma sofriet 1-ebda danni.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Jacqueline Busuttil [10189A] tal-15 t'April 2005:

Rat id-decizjoni tal-20 ta' Frar 2009 ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li biha laqghet it-talba tal-intimati, biex jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet ulterjuri li kienu ta' natura perentorja (a fol. 1060 u 1065);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kollha tat-23 Jannar 2009, ( a fol. 1061) li taqra hekk:

1. *"Illi 1-azzjoni hekk kif imressqa u mahlufa minn Carmen Taliana hi irrita u nulla u dana billi:*

a) *Carmen Taliana ma kellix ir-rapprezentanza guridika halli tirrapresenta lis-socjeta attrici u addirittura tinizzja proceduri f'isimha;*

b) *Carmen Taliana f'kull vesti nomine (jekk dan jezisti) ma kellix 1-interess guridiku rikjest mill-ligi halli tressaq tali azzjoni fil-konfront tal-konvenuti;*

c) *Carmen Taliana, la bhala fatt, u lanqas 'ope legis', ma kinitx id-direttur tas-socjeta attrici fil-mument li hija ressqet din il-kawza.*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permess mill-ligi."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' Kashmiri Palace Limited ghar-rikors tal-konvenuti ippresentat fit-23 ta' Jannar 2009, a fol. 1063 li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet tal-konvenuti kontenuti fir-Rikors taghhom tat-23 ta' Jannar 2009 huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dana ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:*

1. *L-Artikolu 728[1) tal-Kap. 12 jghid li, bla hsara ghad-dispozizzjonqiet ta' l-Artikolu 731, li l-eccezzjonijiet kollha, sew dawk dilatorji u dawk drvar il-mertu ghandhom jinghataw fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet jew fir-Risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawk l-eccezzjonijiet dilatorji. U l-Artikolu 728[2] jghid illi ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza u l-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm ragunijiet vaildi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet jew fir-Risposta. Dawn il-provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sewwa fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi noe".*

2. *Il-procedura hija ta' ordni pubbliku u allura jekk il-provvedimenti tal-ligi jippreskrivu certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut mhijiex ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita;*

3. *Illi fil-kaz in dizamina l-konvenuti jghidu li huma jixtiequ jressqu l-eccezzjonijiet li huma ta' natura dilatorja peress li l-attrici ma kellhiex ir-rapprezentanza jew l-interess biex tirrapprezenta lis-Socjeta' attici, u jghidu li dan il-fatt gie a konjizzioni taghhom fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2008. Dan ma hu veru xejn. Il-konvenuti kienu konsapevoli mis-sitwazzjoni kollha sa minn qabel il-prezentata tal-kawza odjerna. Fil-fatt, il-konvenuti kienu qabel din il-kawza ttrasferew lura l-azzjonijiet taghhom kollha lil Carmen Taliana, rrizenjaw mill-kariga taghhom ta' Diretturi tas-Socjeta' Kashmiri Palace Limited u l-konvenuta rrizenjat ukoll mill-kariga taghha ta' Segretarja ta' l-istess Socjeta (Ara Dok. "B" anness mac-citazzjoni). Il-konvenuti kienu jafu ukoll, u konferma ta' dan setghaw facilment gabuha minn sernplici ricerka anki telefonikament mal-MFSA, illi l-attrici b'hekk saret l-unika azzjonista u li hija kienet qed tipprezenta l-kawza opportuna f'isem is-Socjeta' esponenti qua azzjonista.*

4. *llli jigi ukoll rilevat illi huwa principju ormaj pacifiku illi dawk l-eccezzjonijiet ta' natura dilatorja li ma jitressqux "in limine litis" jigu konsidrati bhala rinunzjati.*

*Ghaldaqstant ma jezistux ragunijiet validi biex il-konvenuti jigo permessi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri li ma kienux ipprezentaw fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghhom jew fir-*

*Risposta taghhom u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-9 ta'Marzu 2006 li bih il-Qorti kif diversament preseduta innominat lill-Dr Josette Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja (a fol.46 et seq);

Rat il-verbal tat-18 t'Ottubru 2006 li bih il-Qorti kif diversament preseduta irrevokat l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja u tinnomina bhala Perit Legali lil Dr. Vincent Galea (a fol 290 et seq);

Rat ir-relazzjoni minnu prezentata fid-9 ta' Marzu 2012 u mahlufa fis-27 ta' Gunju 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-gheluq tal-konvenuti tal-15 ta'Gunju 2011 (a fol. 1159 et seq.);

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' Kashmiri Palace Limited ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta'l-gheluq tal-konvenuti tal-5 ta' Marzu 2012, (a fol. 1170 et seq.);

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti Kashimiri Palace Limited bid-domandi in esklussjoni datata 26 ta' Frar 2013 (a fol. 1206);

Rat it-twegibiet in eskussjoni tal-Perit Legali minnu mahlufa fit-13 ta' Gunju 2013 (a fol. 1208);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici Kashmiri Palace Limited tal-4 ta'Settembru 2013 (a fol. 1232 et seq.);

Rat in-nota tal-konvenuti tas-26 ta' Settembru 2013 (a fol. 1211 et seq);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Milli provi illi tressqu fil-kawza odjerna jirrizulta illi permezz ta' kuntratt datat 27 ta' April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, l-konvenuti konjugi Busuttil ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri ta' Carmen Taliana fl-ammont ta' dsatax-il elf liri Maltin (Lm19,000). Dan l-ammont kien dovut ghal bejgh ta' ishma fis-socjeta Kashmiri Palace Limited minn Taliana lil Busuttil.

Illi fit-3 ta' Gunju, 2004 giet registrata mar-Regsitratur tal-Kumpanija l-Form K, u li permezz taghha gie dikjarat illi l-konvenuti Ian u Jacqueline konjugi Busuttil kienu qeghdin jirrizenjaw mill-kariga ta' diretturi fis-socjeta Kashmiri Palace Limited. Il-konvenuta Jacqueline Busuttil irrizenjat ukoll mill-kariga ta' segretarja tal-imsemmija kumpanija. **Id-data effettiva ta' dawn ir-rizenji kienet is-16 ta' Frar, 2004.**

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar, 2004 **il-kuntratt imsemmi tas-27 ta' April, 1999 gie dikjarat null u bla effett u l-imsemmija Qorti ordnat ir-rexxissjoni tieghu**. L-istess Qorti ta' l-Appell ordnat ukoll ir-rexissjoni ta' kuntratt iehor ukoll datat 27 ta'April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani u li sar bejn il-konvenuti u Carmen Taliana.

Fil-kaz in ezami, is-socjeta attrici Kashmiri Palace Limited, **li taghha l-konvenuti kienu d-diretturi u l-konvenuta Jacqueline Busuttil kienet ukoll is-Segretarju**, qeghda titlob lil din il-Qorti d-danni u dan meta l-istess konvenuti,**waqt li kellhom il-gestjoni taghha,** ikkommettew agir abusiv, irrisponsabbli u illegali u ta' negligenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti fil-konfront taghha. Talbet ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kienu okkupaw illegalment u abbusivament il-hanut 335, Triq Manwel Dimech, Sliema u bhala konsegwenza lill-istess konvenuti kellhom jigu zgumbrati minn go fih u li jhallsuha ghall-okkupazzjoni abusiva u llegali ta' l-istess fond.

Il-konvenuti laqghu ghal dawn l-akkuzi billi stqarrew li dan mhux minnu, li huma iggestew in-negozju tal-kumpanija b'mod tajjeb u li ma kienu qeghdin jiddetjenu ebda fond illegalment. Jsostnu ukoll, u dan permezz ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri taghhom **illi s-socjeta attrici ma kellhiex id-dritt li taghmel din il-kawza l-ghaliex hija ma ghandhiex**

**rapprezentant guridiku jew xi direttur sabiex ikun jista jistitwixxi jew jsegwi din il-kawza.**

**Ikkonsidrat:**

Carmen Taliana, fl-affidavit taghha xhedet illi kienet ilha involuta fil-gestjoni tas-socjeta attrici sa mis-sena 1972. Kienet timporta hwejjeg ta' kwalita' gholja (tad-ditta) u tbieghhom mill-hanut li kellha gewwa 335, Triq Manwel Dimech, Sliema. Hija xhedet illi kienet bniet isem u kellha klijentela tajba hafna. Tghid ukoll illi *"tant kelli kwalita ta' klijentela stabbilita man-negozju tieghi li fl-ewwel gimgha meta kienet tasal il-merkanzija l-bejgh kien isir bl-appuntament u bil-hanut maghluq peress li l-klijenti kienu jcempluli u jitolbuni l-appuntamenti sabiex kulhadd jinqeda bil-kumdita u diskrezzjoni".*

Fl-1 ta' Dicembru, 1998, Carmen Taliana ghaddiet il-gestjoni tas-socjeta attrici lill-konvenuti konjugi Busuttil. Hija xhedet illi qabel ma telqet mit-tmexxija tan-negozju, hija kienet introduciet lill-konvenuta mal-klijenti taghha, kif ukoll sifret darbtejn maghha, darba f'Novembru, 1998 u darb' ohra f'Marzu, 1999 f'liema okkazzjonijiet Taliana kienet introduciet lill-konvenuta Busuttil kemm mar-rapprezentanti esteri u kif ukoll mal-grossisti.

Carmen Taliana xhedet illi b'att pubbliku datat 27 ta' April, 1999 fi-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, l-konvenuti xtraw u akkwistaw hamsa u disghajn (95) shares b'valur nominali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kull *share*, fil-kumpanija Kashmiri Palace Limited, **u b'rizoluzzjoni ta' l-istess Kumpanija l-konvenuti gew appuntati bhala l-unici diretturi tal-kumpanija minflokha u dan peress li hija kienet irrizenjat.** Il-konvenuta **Jacqueline Busuttil giet nominata ukoll bhala segretarju ta' l-istess socjeta attrici.**

Mat-trasferiment tal-ishma tas-socjeta attrici fuq il-konvenuti, **gie trasferit ukoll il-pussess tal-hanut tal-hwejjeg sitwat numru 335, Triq Manwel Dimech, Sliema**. Dan il-hanut, li kien **mikri** lis-socjeta attrici kien **jifforma l-uniku negozju u attivita kummercjali tas-socjeta attrici.**

Fis-16 ta' Frar, 2004 il-**Qorti ta' l-Appell** bis-sentenza taghha fl-ismijiet Ian Busuttil vs Carmen Taliana (Cit. Nru. 1601/00) **iddikjarat illi l-att pubbliku tas-27 ta' April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani kien null u bla effett legali u gie rexiss.**

B'hekk, il-konvenuti regghu ittrasferrew il-95 sehem li huma kienu akkwistaw minghand Carmen Taliana. Taliana ziedet tghid illi hija talbet lil 1-konvenuti sabiex jaghtuha rendikont tal-gestjoni taghhom, izda minkejja li hija talbet dan l-ewwel permezz ta' ittra interpellatorja u imbaghad b'ittra ufficjali, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti. Taliana sostniet illi :

> ***"wara li jiena ergajt hadt it-tmexxija tal-Kumpanija gejt infurmata li 1-konvenuti kienu naqsu li jipprezentaw r-rendikonti mehtiega kemm lill Malta Financial Services Authority u kif ukoll lid-Dipartiment tal-VAT, u dak tat-Taxxi Nterni, u kif ukoll ma thallsu ebda ammonti dovuti lil dawn l-istituzzjonijiet u Dipartimenti. Sirt naf ukoll illi 1-konvenuti hallsu bi flus tal-Kumpanija ghall-affarijiet taghhom personali".***

Taliana xhedet illi:

> ***"barra dawn in-nuqqasjiet meta jiena kont ttrasferejt 1-ishma tal-Kumpanija kien sar l-iccekkjar tal-hwejjeg li kelli fil-hanut (stock-taking). Il-valur ta' dina l-merkanzija li hallejt kienet giet stmata cirka dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000). Madanakollu, minkejja li gew mitluba sabiex jaghmlu rendikont dettaljat u ssir l-iccekjar tal-merkanzija li suppost tinsab fil-hanut minn dan ma sar xejn".***

Tghid ukoll illi kien hemm rapprezentanta ta' socjeta estera li cemplitilha u talbitha 1-hlas ta' ordni ta' hwejjeg li kienet saret fi zmien li l-konvenuta Jacqueline Busuttil kienet qed tigestixxi s-socjeta attrici. L-istess rapprezentanta barranija kienet qaltilha li minkejja li Jacqueline Busuttil kienet weghditha li kienet ser thallas, hija baqghet qatt ma ghamlet hekk.

Taliana xhedet illi waqt li kienet ghaddejja l-kawza hija kienet tghaddi minn quddiem il-hanut gewwa tas-Sliema u kienet tara li 1-konvenuti jiggestixxu n-negozju ta' bejgh ta'affarijiet kien isir bi prezzijiet ferm u ferm baxxi, u cioe' bi iskont ta' anke hamsa u sebghin fil-mija (75%).

Ghar-rigward tac-cwievet tal-hanut, Carmen Taliana xhedet mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell sal-24 ta’ Lulju, 2006, hija ma kellhiex access ghall-hanut in kwistjoni u dan peress li l-konvenuti konjugi Busuttil kienu irritenew c-cwievet tieghu. Kien biss fil-24 ta’ Lulju, 2006 li l-konvenuti konjugi Busuttil iddepozitaw ic-cwievet ta’ dan il-hanut taht l-awtorita tal-Qorti. Il-konvenuta ma ghamlu ebda offerta precedentement ghal-konsenja ta’ tali cwievet. Taliana xhedet illi hi soffriet iddanni minhabba din l-okkupazzjoni illegali. Rigward l-istock, Taliana xhedet illi llum il-gurnata dan l-istock ma jiswa xejn u dan peress li l-”*hwejjeg jimxu mal-moda u peress li ghaddew aktar minn sentejn dawn illum ma jiswew xejn”.*

In kontro-ezami , a fol. 541, Carmen Taliana, stqarret illi:

> ***“Jiena ftaht ghan-nom tas-socjeta attrici din il-kawza fil-25 ta’ Gunju, 2004 u nikkonferma illi dak iz-zmien jiena kont biss azzjonista. Naqbel ma dak li qieghed jigi suggerit lili illi jiena dak iz-zmien ma kontx direttrici jew rapprezentanta guridika ta’ l-istess socjeta. Din il-posizzjoni tieghi ghadha hekk sal-lum”*** **u** ***‘”jiena ma ghamilt l-ebda pass sabiex insir direttur jew rapprezentanta guridika tas-socjeta attrici u dan peress li kien hemm dak id-dejn kollu”.***

Carmen Taliana, a fol. 1100 ghaddiet in rassenja, c-cekkijiet li hi kienet qeghda tghid li l-konvenuti kienu hargu mill-fondi tal-kumpanija u li ma kienux jirrigwardaw spejjez jew hlasijiet dovuti minnha izda kienu hlasijiet dovuti mill-konvenuti personalment.

Nathalie Farrugia, a fol. 56A, in rapprezentanza tat-Malta Financial Services Centre (Registratur tal-Kumpaniji), xhedet illi bejn is-27 ta’ April, 1999 u s-16 ta’ Frar, 2004 id-diretturi tas-socjeta attrici kienu l-konvenuti odjerni cioe, il-konjugi Busuttil. Ikkonfermat li l-ahhar *annual return* ipprezentata kienet ghas-sena elfejn (2000) filwaqt li l-ahhar *accounts* ipprezentati kienu jkompru sal-31 ta’ Dicembru, 1998. Minhabba li ma gewx pprezentati l-*annual returns* u l-*accounts* l-ohra li suppost kellhom jigu pprezentati (tul il-perjodu ta’ gestjoni tal-konvenuti), is-socjeta attrici kellha taghti s-somma ta’ Lm799.20 ekwivalenti ghal €1,861.64 u dan kif ahjar spejgat fid-dokument esebit mill-istess xhud fl-imsemmija seduta, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. NF 1 afol. 835 et seq.

Audrey Ghigo, a fol. 310, rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta plc, ezebiet diversi *cheque images* mahrugin mill-kontijiet bin-numri:

a) 006050199001 u dan bejn il-perjodu 27 ta' April, 1999 u s-16 ta' April, 2004, fin-numru 1-antik ta' dan il-kont kien 61013946 u infetah fit-23 ta' Frar, 2000 u inghalaq fit-30 ta' Ottubru, 2002 (Dok. AG1); u

b) 82048952. Dan il-kont infetah fid-9 ta' Lulju, 1988 u inghalaq fl-24 ta' Frar, 2000 (Dok. AG2).

Audrey Ghigo giet mitluba tghid ukoll x'kienet il-posizzjoni attwali tal-kontijiet tal-kumpanija attrici, u ikkonfermat li 1-kumpanija attrici kellha zewg kontijiet li huma:

a) Kont kurrenti bin-numru 006-050199-001 Ii infetab fl-24 ta' Dicembru, 2003 u li sas-16 ta' Jannar, 2007 kien fih zbilanc ta' Lml,185.66 pari ghal €2,761.84 (Dok. AG3);

b) *Loan account* bin-numru 006-050199-340 li infetah fid-19 ta' Ottubru, 2002 u sas-7 ta' Ottubru, 2006 kien fih zbilanc ta' Lm18,832.26 pan ghal €43, 867.37 (Dok. AG4);

Ian Busuttil, a fol. 312, xhed in subizzjoni, u ikkonferma li hu kien firmatarju fuq il-kontijiet li minnhom hargu c-cekkijiet li 1-immagini taghhom gew esebiti mir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta p.l.c. u gharaf il-firma tieghu fuq dawn 1-istess cekkijiet. Firmatarju mieghu kien hemm ukoll martu 1-konvenuta. Ghalhekk jistqarr il-konvenut *"biex jinhareg cheque mill-kumpanija ried bilfors ikun hemm kemm il- firma tieghi u kemm il-firma ta 'Jacqueline".*

Il-konvenut ammetta li bejn is-27 ta' April, 1999 u s-16 ta' Frar, 2004 huwa ma pprezentax 1-*accounts* l-MFSA u dan peress li ma sarux. Jghid pero li kien hemm accountant u cioe Vincent Curmi li kien talabhom sabiex jiffirmaw 1-*accounts* ghas-sena 1998. **Meta dan l-*accountant* staqsih 1-ghala kien hemm Lm6,000 telf, huwa ma kienx jaf ir-raguni u ghalhekk ma iffirmahomx**. Pero dawn l- *accounts* gew iffirmati minn Carmen Taliana. Il-konvenut jghid ukoll li huwa pprova jingagga *accountants* ohra, izda kien kollu ta' xejn ghax hadd ma ried jintriga jiehu *over* l-*accounts* tal-kumpanija. Qal ukoll li qabel ma inghalaq il-hanut ma jafx jekk sarx *stock taking* u li minn mindu dahlu fil-hanut qatt ma sar *stocking*

*taking.* A fol. 443 et seq., u fol. 448 et seq., il-konvenut gie mistoqsi jispjega - kif fil-fatt ghamel - l-immagini tac-cekkijiet li gew esebiti mir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta p.l.c. L-konvenut ammetta li kienu saru xi hlasijiet personali mill-kontijiet tal-kumpanija **bhal hlas tal-kawza li hu u martu kienu fethu kontra Carmen Taliana fejn kienu talbu lil Qorti biex tiddikjara l-kuntratti li gew iffirmati minnhom fis-27 ta' April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani bhala nulli u bla effett.** Kien hemm ukoll xi pagamenti ghal xi xiri ta' ikel ghal konsum personali tal-konvenuti. Dwar dan, il-konvenut ighid li *"meta ahna konna qeghdin nohorgu cekkijiet tal-kumpanija ghal uzu personali, dan kien qed isir peress li ahna personalment ma setax ikollna kontijiet* ***l-ghaliex kien hemm sekwestru kemm min-naha tal-Bank u kemm min-naha ta' Carmen Taliana. Din ghadha l-posizzjoni sal-lum.*** *Di fatti l-HSBC fetah procedura kontrina u ahna ammettejna li kellna naghtuhom il-flus".*

Il-konvenut Ian Busuttil xehed ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit u spjega kif Carmen Taliana ikkonvinciet lilu u lil martu sabiex jiehdu 1-hanut li kienet ilha tiggestixxi ghal ghexieren ta' snin. Hekk fil-fatt gara u huma akkwistaw 1-ishma li kellha Carmen Taliana fis-socjeta attrici. Wara bdew jinqalghu 1-problemi sakemm kellhom isiru l-kawzi sabiex jigu dikjarati nulli 1-kuntratti li saru fis-27 ta' April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani. Qal ukoll li Carmen Taliana kienet qeghda tahdem minn wara darhom u dan fis-sens li hi kienet qeghda iccempel lil klijenti taghhom u titlobhom li jhallsu 1-ammonti dovuti lil Carmen's Boutique direttament lilha. Minhabba f'hekk, il-klijenti naqsu. Kien f'dan iz-zmien li 1-konvenut kiteb lir-rapprezentanti ta' barra li huwa ma setax jaffettwa pagamenti u li 1-uniku rimedju li kien hemm kien li 1-kumpanija tirritorna l-merkanzija.

Il-konvenuta Jacqueline Busuttil tghid, fl-affidavit taghha, li 1-problema ma Carmen Taliana bdew mal-ewwel. Tghid li Taliana kienet qaltilha li hi kellha klijentela tajba u li dawn dejjem kienu jmorru jixtru l-hwejjeg minghandha meta hi kien ikollha 1-istock il-gdid. Ix-xhud hekk ghamlet u xtrat konsenja ta' hwejjeg godda. pero 1-klijentela li weghdita Carmen Taliana li kienet ser tmur il-hanut ma avveratx ruhha. F'Novembru, 1999 il-konvenuti marru Ruma sabiex jiltaqaw mar-rapprezentanti tad-designers u dan sabiex jippruvaw jikkancellaw l-ordnijiet li kienu ghamlu. Dawn qalulha li ma setawx jhassru l-ordnijiet u li l-aktar li setghu jaghmlu kien li jaghtuhom 30 gurnata credit. Il-konvenuta tghid li meta gew lura Malta, hi bdiet icempel lil klijenti li Carmen Taliana kienet qaltilha li kellha. Uhud minnhom infurmawha li kienu ilhom snin ma jixtru minghand Carmen's Boutique, filwaqt li ohrajn

kienu qalulha li kienu ghadhom qed ihallsu lil Carmen ghax-xiri ta’ oggetti li kienu ghamlu s-sena ta’ qabel. Il-konvenuta tghid li meta hi u zewgha xtraw il-kumpanija attrici, Carmen Taliana qatt ma qaltilhom lil kumpanija kellha d-debituri u kien ghalhekk li huma fethu kawza lill-imsemmija Carmen Taliana sabiex taghtihom il-flejjes li kienet qeghda tigbor minghand dawn il-klijenti. Din il-kawza pero giet abbandunata meta 1-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat bhala nulli z-zewg kuntratti tas-27 ta’ April, 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

Il-konvenuta tghid ukoll li ghar-rigward tad-Dipartiment tal-VAT, il-formoli kienu kollha in regola u li hija dejjem hadet hsieb li tipprezentahom fil-hin. Il-konvenuta tghid ukoll li kien biss fl-ewwel sena li kienu qeghdin jigestixxu n-negozju li huma saru jafu li kien hemm kawza ta’ zgumbrament kontra s-socjeta attrici u dan sabiex 1- istess tigi zgumbrata mill-fond ta’ tas-Sliema. Min hawn komplew jizdiedu 1-problemi bejn il-konvenuti u Carmen Taliana. Il-konvenuta stqarret li hi kienet tiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija u li kull xahar kienet taghmel lista tad-dhul u tal-hrug taghha. Hija kienet taghmel dan l-ghaliex wara li huma ma baqghux juzaw is-servizzi ta’ Vincent Curmi, huma ma sabux *accountants* li riedu jidhlu fuqu.

Il-konvenuti permezz ta’ cedola ta’ depositu numru 811/2006 pprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar 1-24 ta’ Luiju, 2006 ddepositaw ic-cwievet tal-hanut 335, Triq Manuel Dimech, Sliema taht l-awtorita ta’ din il-Qorti u dan sabiex dawn 1-istess cwievet jigu rtirati minn mm ghandu dritt ghalihom. Dan peress li s-sid tal-imsemmi fond kien intavola proceduri 1-Qorti kontra s-socjeta attrici odjerna fejn talab l-izgumbrament taghha mill-istess fond. Din il-kawza kienet giet deciza favur sid il-fond.

Vincent Curmi, afol. 477 et seq., xhed li huwa kien jiehu hsieb 1-*accounts* tas-socjeta attrici. Fil-31 ta’ Dicembru, 1998, ighid dan ix-xhud, sar *stock take* u li dan sar permezz ta’ *physical check* mill-istaff tieghu *on site*. It-total ta’ l-oggetti kien jammonta ghal Lm22,688 pari ghal €52,848.82. Meta sar dan l-*istock take,* ighid ix-xhud, kien hemm prezenti 1-konvenuta Jacqueline Busuttil. A fol. 499 et seq., Curmi xhed li huwa kien ghadda 1-*accounts* tal-kumpanija lil *accountant* il-gdid tal-konvenuti, **izda l-kotba ma kienx ghaddiehomlu.**

A fol. 490. et seq., Jacqueline Busuttil, stqarret li hija kienet il-persuna li tmexxi 1-hanut f’tas-Sliema minn Novembru, 1998 il-quddiem. Il-paga taghha kienet ta’ Lm50 ekwivalenti

ghal €116.47 fil-gimgha. Ikkonfermat li kien hemm drabi fejn hija ma kienitx tircievi paga u dan peress li l-kumpanija ma kienx ikollha flus bizzejjed. Dwar il-kotba tan-negozju, l-konvenuta tghid li:

> ***"we used to keep ledgers of everything and they are in the shop. I did not keep them. I do not have a copy of them. These belong to the company and everything belonging to the company is in the shop".*** – vide fol 491.

Hija tghid ukoll li meta telqu mill-hanut huma hallew kontijiet pendenti warajhom u li hi ghamlet *stock take* personalment qabel ma telqet mill-hanut. Din il-lista ukoll tinsab fil-hanut. Il-konvenuta tghid li kien hemm kazijiet fejn hi bieghet hwejjeg bi skont ta' 75% izda dan kien ghal hwejjeg li kienu ilhom fil-hanut sa mis-sena 1995. Il-konvenuta tghid ukoll li "*I never paid for personal purchases through company finds, and I never took personal loans from company funds".*

Sar access nhar is-Sibt 28 ta' Gunju, 2008 fil-fond 355, Manoel Dimech Street, kantuniera ma St. Mary Street, Sliema ma instabu l-ebda kotba tan-negozju fil-hanut imsemmi.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina, l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik imqanqla permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-konvenuti. Dan l-ghaliex, jekk din l-eccezzjoni tintlaqa', l-azzjoni tas-socjeta' attrici ma tkunx legalment sostenibbli.

L-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti taqra testwalment hekk:

> ***"l-azzjoni hekk kif imressqa u mahlufa minn Carmen Taliana hi irrita a nulla u dana billi:***
>
> ***[a] Carmen Taliana ma kellix ir-rappresentanza guridika halli tirraprezenta s-socjeta' attrici u adirittura tinizzja proceduri f'isimha***

> ***[b] Carmen Taliana f'kull vesti nomine [jekk dan jezisti] ma kellix l-interess guridiku rikjest mill-ligi halli tressaq tali azzjoni fil-konfront tal-konvenuti***
> ***[c] Carmen Taliana la bhala fatt u lanqas 'ope legis' ma kinitx id-direttur tas-socjeta' attrici fil-mument li hija ressqet din il-kawza";***

Il-Qorti taghmel accenn ghall-Artikolu 141 tal-Kapitolu 386 u cioe l-Att Dwar il-Kumpaniji jitsipula li:

> ***"141. (1) Meta ghal xi raguni rapprezentanza ta' kumpannija ma tibqax vestita f'xi persuna jew persuni, il-kumpannija ghandha tahtar persuna jew persuni ohra biex jezercitaw dik il-funzjoni. Il-hatra ssir b' rizoluzzjoni ordinarja li tittiehed f'laqgha generali illi l-avviz taghha ghandu jinhareg fi zmien erbatax-il jum mid-data meta tinholoq il-vakanza.***
>
> ***(2) Il-kumpannija tista' b' rizoluzzjoni ordinarja tibdel kull persuna jew persuni vestiti b' rapprezentanza tal-kumpannija.***
>
> ***(3) Meta, u sakemm, ir-rapprezentanza ta' kumpannija ma tistax tigi ezercitata skond il-memorandum tal-kumpannija, kull direttur jista' jirraprezenta l-kumpannija fi procedimenti gudizzjarji kontra taghha."***

Skond ma jirrizulta mill-*Memorandum u Articles of Association* tal-kumpanija attrici fit-18 ta' Novembru, 1997, d-Direttur u s-Segretarju taghha kienet Carmen Taliana. Ir-rapprezentanta legali u gudizzjarja ta' l-imsemmija socjeta' kienet ukoll Carmen Taliana.

Fit-8 ta' Lulju, 1999 l-imsemmija Carmen Taliana irrizenjat minn Direttur, minn Segretarju tal-kumpanija u minn rapprezentant legali u gudizzjarju ta' l-imsemmija socjeta. Minflokha dahlu l-konvenuti Ian u Jacqueline Busuttil. Skond il-Form K pprezentat fl-imsemmija data, l-konvenuta Jacqueline Busuttil kienet ir-rapprezentanta legali, id-direttur u s-segretarju tal-

kumpanija attrici, filwaqt li l-konvenut l-iehor kien ir-rapprezentant legali u gudizzjarju u d-Direttur taghha.

Mill-provi rrizulta li l-konvenuti kienu pprezentaw il-Form K lir-Registratur tal-Kumpaniji nhar it-3 ta’ Gunju, 2004 u li permezz taghha huma kienu rrizenjaw mill-karigi taghhom ta’ Diretturi mis-socjeta attrici u l-istess Jacqueline Busuttil irrizenjat ukoll minn Segretarju tal-imsemmija Kumpanija. **Id-data effettiva ta’ dawn irrizenji kienet is-16 ta’ Frar, 2004.**

Mid-data tas-16 ta’ Frar 2004 sal-lum, ma kien hemm l-ebda persuna ohra li kienet qeghda tirraprezenta lill-kumpanija apparti l-konvenuti. Dan qed jinghad l-ghaliex ma jidhirx li l-konvenuti irrizenjaw mill-karigi taghhom ta’ rapprezentanti legali (iz-zewg konvenuti) u rapprezentant gudizzjarju (il-konvenut Ian Busuttil)

Lanqas ma jidher - ghalinqas ma giet mressqa l-ebda prova f’dan is-sens - li kien hemm xi risoluzzjoni da parti tal-kumpanija attrici sabiex tnehhi lill-imsemmija konvenuti minn dawn il-karigi u/jew li tissostitwiehom b’haddiehor.

Illi d-dikjarazzjoni mahlufa mis-socjeta attrici saret minn Carmen Taliana. Fil-fatt, il-gurament fuq id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta ittiehed minn Carmen Taliana *“ghan-nom u fl-interess ta’ l-istess socjeta”.* Issa skond is-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta wiehed jara li:

> ***“Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skont il-ligi ghandha, fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita guridika distinta, tinhalef***
> ***a) mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta’ dak il-korp; jew***
> ***b) minn kull segretarju tal-kumpanija,’ jew***
> ***c) minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f’ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, nota ta’ eccezzjonijiet jew skrittura bhal dawk imsemmija.”***

Carmen Taliana ma tikkwalifika taht l-ebda wahda minn dawn il-kwalifiki li ssemmi l-ligi u ghalhekk il-gurament mehud minnha meta giet intavolata l-kawza odjerna ma jiswiex. Konsegwentement, galadarba l-kawza ossia c-citazzjoni ma gietx mahlufa (ex art. 156(3) tal-Kap. 12), din ghandha titqies skond 1-artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala irrita u nulla.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici, saru diversi lanjanzi, ghar-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri intavolata mill-konvenuti, u cioe' illi l-eccezzjonijiet kollha sew delatorji, sew dawk fuq il-meritu, kellhom jinghaw fin-nota t'eccezzjonijiet jew fir-risposta guramentata skond l-Artikolu 728(1) tal-Kapitolu 12 u li l-uniku deroga minn din ir-regola generali, kienet dik msemmija fl-Artikolu 728(2), fejn il-Qorti trid tkun sodisfatta illi jissuktaw ragunijiet validi 'l ghaliex dawn l-eccezzjonijiet ma jkunux inghataw fin-nota t'eccezzjonijiet jew risposta.

Il-Qorti rat il-paragrafi hamsa sa disgha tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici (vide fol. 1233 sa 1235) li kollha jirrigwardaw lanjanzi fil-konfront t'eccezzjonijiet ta' natura dilatorja.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-istess sottomisjonijiet, tgharaf li id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 20 ta' Frar 2009 (a fol. 1060 u 1065), li akkoljiet in-Nota t'Eccezzjonijiet Ulterjuri tal-konvenuti, **ghamlet dan, 'l ghaliex derilha illi dawn l-eccezzjonijiet kienu ta' natura perentorja u cioe' skond l-Artikolu 732 tal-Kapitolu 12,** liema eccezzjonijiet jistghu jinghataw f'kull stadju tal-proceduri *"ukoll fil-Qorti fi grad t'Appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-Qorti tal-ewwel grad*".

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jsisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-***

> ***konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonjiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tiddikjara ic-citazzjoni odjerna irrita u nulla.

In vista ta' dan, il-Qorti tqis illi ma hemmx lok illi jigu ezaminati t-talbiet tas-socjeta' attrici u tal-eccezzjonijiet 1-ohra imqanqla mill-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, tilqa 1-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, u tiddikjara ic-citazzjoni intavolata mis-socjeta' attrici, fil-proceduri odjerni, nulla u bla effett.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------